# Publikazzjonijiet Guzeppini

Jekk f'Malta hawn Fratellanza ħajja, bla dubju ta' xejn hi l-Arċikonfraternita' ta' San Ġużepp, tar-Rabat ta' l-Imdina, għaliex:

Għax minn barra li matul s-sena l-membri jieħdu sehem attiv f'diversi purċissjonijiet, inklużi dawk il-funzjonijiet li jsiru fil-Katidral Metropolitan ta' Malta, jsiru laqħat regolari bejn l-Uffiċjali biex jaraw kif jgħamlu biex ikabbru iżjed id-devozzjoni lejn il-Patrun tagħhom San Ġużepp. Biex din il-fratellanza tkun aktar effettiva, iffurmat kummissjoni biex tistudja u tressaq quddiem l-uffiċjali tagħha, suġġerimenti kif tista' tinxtered iżjed devozzjoni lejn San Ġużepp. fiż-żmenijiet moderni ta' llum.

Bis-saħħa tal-"Kummissjoni Devozzjoni Lejn San Ġużepp", saru ħafna suġġerimenti li ħafna minnhom diġa' twettqu, u oħrajn qed jiġu studjati, imma fost l-oħrajn insemmu biss ix-xogħol li sar fuq il-qasam ta' l-istampa:



## IL-KOTBA TAL-FESTA

L-ewwel ktieb fis-sensiela tal-kotba tal-festa, ġe stampat fis-sena 1978 bl-isem "L-Arċikonfraternita' ta' San Ġużepp matul iż-żmenijiet", kien 'feature' miktub mis-Sur Duminku Micallef u kien ġie mxandar minn fuq ir-Rediffusion (illum Cable Radio) fit-18 ta' Marzu 1976 (qabel ġie stampat). Dan il-ktieb fih 32 paġna bla reklami, u fih għadd ta' ritratti ta' l-imgħoddi. Wara dan kull sena tkompliet is-sensiela ta' tagħrif fuq il-festa, li huma wieħed aqwa mill-ieħor, u fl-aħħar snin il-kotba ġew stampati fuq "art paper", u kollha jaqbżu 'l fuq minn 32 paġna bla riklami.

## "IS-SANTWARJU TA' SAN ĠUŻEPP"

Hsieb għaqli ieħor tal-Kummissjoni kien kif sabu mezz biex jibdew jippubblikaw fuljett bl-iskop ta' devozzjoni fuq San Ġużepp.

L-ewwel ħarġa tal-fuljett "Is-



Santwarju ta' San Ġużepp" kien f'Diċembru 1980. Illum inħossuna kburin, għax mhux biss insibuh imdaħħal kważi f'kull Parroċċa ta' Malta u Għawdex, imma qabad ukoll 'il barra mix-xtut Maltin, fost l-oħrajn insibuh fiċ-"Ċentru ta' Riċerka Ġużeppina" f'Mont Royal il-Kanada, u bis-saħħa ta' dan il-fuljett semmajna leħinna fil-Kungress Internazzjonali li sar fil-Belt Pollakka ta' Kalisz, bejn it-22 u 29 ta' Settembru 1985, fejn kien hemm preżenti 44 nazzjon differenti.

Għandna l-pjaċir inħabbru li diġa' ġejna mistiedna, u offrewlna nofs siegħa ħin biex inkunu nistgħu nsemmgħu leħinna fis-Symposium li se jsir fil-Messiku fl-1989. Aktar 'il quddiem nagħtu iżjed dettalji fil-fuljett tagħna.

**LETTERATURA OĦRA:**

Minbarra dawn, ħadna ħsieb ukoll inxerrdu għadd ieħor ta' talb stampat. Fis-sena 1983, ħriġna ktieb żgħir bi 32 paġna, li hu ideali biex wieħed ipoġġih fil-but, dan fih għadd ta' talb: ir-Rużarju bil-litanija ta' San Ġużepp, ħsebijiet fuq is-Seba' Erbgħat u xi talb popolari ieħor, ġew stampati kuruncelli ta' San Ġużepp u santi bil-kulur.

Ħriġna wkoll f'dawn l-aħħar 3 snin, kalendarju.

**LITURĠIJA TAS-SIEGĦAT**

Għall-festa ta' din is-sena stampajna ktieb ieħor ta' 36 paġna, li se jkun fil-knisja, biex waqt il-funzjonijiet kollha ta' matul il-festa, in-nies ikunu jistgħu jsegwu ċ-ċelebrazzjonijiet, u b'hekk ikun hemm iżjed ġabra fit-talb u kulħadd ikun ħsieb wieħed.

# President tar-Repubblika Rabti.

**Is-Sur Pawlu Xuereb,** imwieled ir-Rabat, messitu x-xorti li jokkupa l-ogħla kariga tal-gżejjer Maltin, bħala President tar-Repubblika ta' Malta.

Aħna f'isem il-Ġużeppini kollha, nifirħulu ta' din il-kariga kif ukoll nifirħu lis-Sinjura tiegħu u liċ-ċkejkna bintu.